MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2012

Numru. 102/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Herman Mula]**

**vs**

**Omissis**

Kumpilazzjoni Numru 102/2012

**Illum 27 ta' Frar 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Omissis

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer nhar is-26 ta' Dicembru 2011 u fix-xahar ta' qabel kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika,

bi ksur tad-dispozizzjonijijet ta’l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini l-Avviz Legali 22 tas-sena 1985 kif emendat.

Rat l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 40 tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 3 ta’l-Avviz Legali 22 tas-sena 1985 kif emendat.

Rat l-ordni ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u li kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra il-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat id-dokumenti esebieti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, il-kwantita ta’ droga li nstabet fil-pussess tieghu, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, il-fedina penali ta’l-imputat li hija netta, kif ukoll l-eta tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 40 tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 3 ta’l-Avviz Legali 22 tas-sena 1985 kif emendat, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga esebieta bhala Dok HM5 a karigu tar-Registratur tal-Qorti.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------